MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 486/1999/1

**Calbian Company Limited**

**Vs**

**Birkirkara F.C. p.l.c.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'skrittura privata datata l-5 ta' Gunju, 1998 (Vide Dok "A"), is-socjeta' attrici kkuntrattat ftehim mas-socjeta' konvenuta li permezz tieghu s-socjeta' attrici kellha tisponsirizza lis-socjeta' konvenuta li, min-naha taghha, kellha taghti certu 'advertisement' lid-ditta "Kelme", li taghha s-socjeta' attrici hija r-rapprezentant f'Malta, kif miftiehem ai termini tal-istess ftehim;

Premess illi s-socjeta' attrici ottemperat ruhha mal-parti taghha tal-ftehim sa fejn dan kien possibbli ghaliha minghajr il-ko-operazzjoni tas-socjeta' konvenuta, u ghamlet minn kollox sabiex dak kollu li gie miftiehem jigi attwat, u dan kif jirrizulta mill-annessi ittri mmarkati Doks "B" u "C" u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattattazjoni tal-kawza;

Premess illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tottempera ruhha mal-obbligi kontrattwali minnha assunti ai termini tal-ftehim suriferit;

Premess illi dan in-nuqqas da parti ta-socjeta' konvenuta kkawza lis-socjeta' attrici danni ngenti;

Premess illi minkejja li s-socjeta' attrici giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru, 1998 sabiex tottempera ruhha mal-ftehim, is-socjeta''konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta' attrici lil din il-Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta naqset li tottempera ruhha mal-obbligi kuntrattwali minnha assunti skond il-fuq imsemmi ftehim tal-15 ta' Gunju, 1998;

2. tiddikjara illi tali nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta kkawza danni lis-socjeta' attrici;

3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici, u

4. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tad-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’** konvenuta a fol. 14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-iskrittura imsemmija fic-citazzjoni ma torbotx lill-eccipjenti u dan in vista tal-fatt li Michael Fenech Adami m’ghandux u qatt ma kellu l-poter li jirrappresentaha legalment.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

**Roberto Calleja** xehed li kien iffirma kuntratt b’letter head ta’ B’Kara F.C ma’ Michael Fenech Adami Dok a fol. 5 u 6 wara li dana kien talbu biex jisponsorja lil B’Kara F.C. Il-prodott taghhom kien KELME u huma accettaw l-isponsorship biex jaghmlu reklam lid-ditta taghhom. Kien ghamel kits specifikatament ghall B’Kara F.C. u gabhom minn barra. Il-kits kellhom jigu konsenjata bl-isem ta’ sponsor iehor McDonalds. Meta mar ghand il-printer dan qallu li B’Kara kienu biddlu l-isponsor ghall Dreamland pero’ lilu hadd ma kien infurmah. Il-kits baqghu ghandu u B’Kara ma haduhomx u lanqas gew ghalihom.

Frank Bonnici xehed li l-attur kien hadlu gears ta’ B’Kara biex jaghmel printing fuqhom pero’ x-xoghol ma sarx billi ma nghatax il-*go ahead*.

Alex Zammit xehed li kien ghamel arrangament ma’ B’Kara F.C. biex ifornilhom *kits*. Fil-fatt kien ghamel hekk imbaghad minghajr avviz ta’ xejn B’Kara qabdu u rrangaw ma kumpanija ohra.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi qed jitolbu hlas ta’ danni minghand is-socjeta’ konvenuta billi dina naqset li tottempera ruhha mal-obbligi kuntrattwali minnha assunti skond ftehim tal-15 ta’ Gunju, 1998.

Illi mix-xhieda ta’ Roberto Calleja u mill-provi prodotti, li ma gewx kontestati, jirrizulta li fil-fatt il-konvenuti kienu gew sponsorjati mill-atturi izda minn naha taghhom il-konvenuti naqsu minghajr raguni valida, mill-obbligi taghhom u ma hadux l-kits li Calleja kien ordnalhom u gabilhom minn barra.

Kwantu ghall eccezzjoni tal-konvenuti, jirrizulta li l-ftehim sar ma Michael Fenech Adami ghal B’Kara F.C. u ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi respinta. Jigi rilevat li l-konvenuti ma ressqu ebda prova da parti taghhom.

Kwantu ghat-talba ghal-danni, l-atturi ma pprezentaw ebda prospett u mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax tasal biex tghid kemm effettivament kienu d-danni li l-atturi sofrew.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi
tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-atturi spejjez ghal konvenuti
u tichad id-domandi l-ohra spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------